ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

30 NOV 2023

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 586**

**Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-8.07 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku

**ASSENTI**

Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**586.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

586.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku tkun skużata.

**586.2 Approvazzjoni ta' modifiki proposti fid-disinn tar-*roundabout* fi Triq tal-Labour, Triq Bormla u Triq il-Kunsill tal-Ewropa**

586.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ din il-laqgħa sabiex jiġu diskussi il-modifiki proposti fid-disinn *tar-roundabout* fi Triq tal-Labour, Triq Bormla u Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku spjega li matul il-ġurnata ta' lbieraħ, Infrastruttura Malta kienu bagħatu d-disinn propost kif mitlub, u wara reviżjoni, huwa kien issuġġerixxa aktar emendi. Is-Sindku kkonferma li waslet it-tieni verżjoni emendata u lbieraħ stess intbgħatet lill-membri tal-Kunsill flimkien mal-aġenda. Is-Sindku ppreżenta d-disinn għal diskussjoni u għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku rrefera għad-għad-disinn, speċifikament għall-kurvatura li hemm biswit Triq tal-Labour indikata bl-aħmar. Is-Sindku qal li l-parti immarkata bl-aħmar ser titneħħa, il-karreġġjata ser tkun qegħda tikber u għadaqstant tiċkien il-kurvatura. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-kurvatura kinitx ser tiċkien biżżejjed. Is-Sindku qal illi kienet ser tiċkien biżżejjed biex jgħaddu l-vetturi l-kbar. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx ser tiċkien id-dawra kollha. Is-Sindku spjega li l-parti li ser tiċkien kienet immarkata bil-kulur aħmar fuq id-disinn. Barra minn hekk, is-Sindku għamel referenza għas-sinjal isfar u qal illi f'din il-parti wkoll kien ser ikun hemm tnaqqis tal-kurvatura u ser tiġi skont is-sinjal l-aħmar. Filwaqt li enfasizza s-sigurtà bħala tħassib ewlieni, is-Sindku spjega li l-kurvatura hija miżura ta' sigurtà biex jiġu evitati inċidenti, bħal qlib ta' vetturi. Is-Sindku għamel referenza għal-linja s-safra fin-nofs fejn hemm vleġġa u ndika li l-bankina kienet se tiġi rtirata sal-linja l-ħamra. Barra minn hekk, is-Sindku rrefera għall-vleġġa li tfisser dawra lejn il-lemin u spjega li t-tikek s-suwed immarkati fuq id-disinn jirrappreżentaw l-installazzjoni ta' *bollards* ħomor tal-plastik. Dan it-tibdil għandu l-għan li joħloq żona ta' stennija għall-vetturi li beħsiebhom jidħlu fiż-żona tal-Biċċieni mingħajr ma jiġi ostakolat l-aċċess għal min sejjer lejn il-grawnd tal-futbol. Barra minn hekk, is-Sindku rrefera għall-kaxxa mmarkata bi kwadri ħomor u qal li din iż-żona se tkun tal-konkos minflok tarmak, u żied jgħid li kienet ser issir l-istess livell tat-triq. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien l-iskop ta' dawn il-modifiki. Is-Sindku spjega li l-bidliet kienu ntiżi biex il-vetturi l-kbar ikunu jistgħu jgħaddu minn fuq il-konkos. Is-Sur Buttigieg staqsa x'differenza kien hemm bejn konkos jew tarmak. Is-Sindku wieġeb li dan id-disinn bil-konkos se jiskoraġġixxi sewqan eċċessiv lejn iż-żona tal-Biccieni u jikkalma t-traffiku. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kif ġejja tagħmilx daqstant differenza. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal li l-vetturi jew jipproċedu lejn il-grawnd tal-futbol jew fiż-żona ta' stennija, u f'każ ta' bżonn il-vetturi l-kbar jistgħu jutilizzaw is-sezzjoni tal-konkos. Is-Sur Joseph Buttigieg esprima tħassib dwar il-kurvatura li hemm qrib Triq tal-Labour u talab li din titneħħa kompletament minħabba li kien hemm diversi lmenti. Is-Sur Buttigieg

staqsa kemm ser titnaqqas din il-kurvatura. Is-Sindku kkalkula tnaqqis ta' metru u nofs, possibilment anke sa żewġ metri. Is-Sur Joseph Buttigieg insista li l-kurvatura ta' Triq tal-Labour kienet sporġuta 'l barra ħafna. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk in-nies tekniċi kienux ħadu inkonsiderazzjoni f'każ ta' inċident ħdejn ir-*roundabout* u staqsa wkoll jekk kienx ser ikun hemm spazju biżżejjed biex jgħaddu l-karozzi. Is-Sindku qal li fid-disinn t*ar-roundabout* jidher li hemm spazju ta' żewġ karreġġjati u żied jgħid li ċ-ċirku ta' barra, madwar r-*roundabout* mhux ser toħroġ b'livell għoli mad dawra kollha. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk ġietx esplorata l-possibilità li titneħħa kompletament il-bankina u minflok konkos isiru marki biż-żebgħa li jiggwidaw lis-sewwieqa biex ma jgħaddux minn hemm, simili bħalma ser jagħmlu fid-daħla taż-żona tal-Biċċieni. Is-Sindku spjega li meta ppropona dan il-kunċett lil Infrastruttura Malta, dan tqies mhux fattibbli minħabba li fil-viċinanzi kien hemm *bus stop.* Is-Sindku qal li din il-kurvatura inkwistjoni isservi bħala miżura protettiva għall-individwi li jkunu qed jistennew fil-*bus stop.* Is-Sur Mark Grech staqsa jekk fil-parti ta' bejn ir-*roundabout* u Triq Bormla hux ser ikun hemm spazju għall-parkeġġ. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk din is-sezzjoni tistax titnaqqas xi ftit minħabba li tidher goffa. Is-Sindku spjega li din saret l-istess bħalma kienet qabel u saħansitra kien ser jiżdied l-ispazju ta' parkeġġ. Il-Kaptan Patrick Barbara reġa' staqsa jekk f'każ ta' inċident ħdejn ir-*roundabout* kienx ser ikun hemm spazju biżżejjed biex jgħaddu l-karozzi. Is-Sur Mark Grech qal li l-Kaptan Patrick Barbara għandu raġun u f'każ ta' inċident kienet ser tingħalaq it-triq kompletament. Is-Sindku qal li l-vetturi ż-żgħar jistgħu jagħmlu sorpass tal-vetturi l-oħra. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li huwa kien qed jirreferi għall-kurvatura li hemm fi Triq tal-Labour. Is-Sur Joseph Buttigieg insista li din il-kurvatura għandha tiġi kif kienet qabel. Is-Sindku reġa' spjega għaliex kienet ser issir din il-kurvatura. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinstab post alternattiv għall-*bus stop* u ppropona li jsir fil-viċinanzi ta' Triq Melita. Is-Sindku qal li ma kienx hemm post alternattiv u Infrastruttura Malta kienu kkonsultaw mat-*Traffic Management* ta' Transport Malta. Is-Sur Buttigieg insista li kien hemm post fejn isir il-*bus stop.* Is-Sur Buttigieg qal illi l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat u l-affarijiet m'għandhomx isiru b'dan il-mod. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li tant ma ġietx pjanata sew li Infrastruttura Malta kellhom jemendaw il-pjanti. Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk minflok iż-żebgħa li hemm mal-art kienx ser isir il-konkos. Is-Sindku staqsa lis-Sur Joseph Vella fuq liema parti kien qed jitkellem. Is-Sur Vella qal li xorta waħda l-vetturi ma setgħux jgħaddu minn fuq iż-żebgħa. Il-Kaptan Patrick Barbara issuġġerixxa li jsir *site meeting.* Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa ma kienx jaqbel li ssir il-kurvatura fil-viċinanzi ta' Triq tal-Labour u talab li fil-minuti jitniżżel li ma kienx qed jaqbel mal-proposti kollha. Is-Sur Mark Grech spjega li l-proġett kien kważi komplut u l-Kunsill qed jara kif jista' itejjeb is-sitwazzjoni. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet il-għaliex il-Kunsill ma kienx ġie ikkonsultat minn qabel u żiedet tgħid li mal-Kunsill tal-Fgura kienet saret konsultazzjoni. Is-Sur Mark Grech qal li fil-prinċipju huwa ma jaqbilx ma' dan il-proġett minħabba li huwa tal-fehema li kellu jsir xi ħaġa simili bħalma sar fit-triq ta' Ħaż-Żebbuġ fil-viċinanzi tas-showroom tal-karozzi fejn ir-*roundabout* tneħħiet kompletament. Is-Sindku qal illi diġa kien wassal din il-proposta lil Infrastruttura Malta, madankollu l-implimentazzjoni tqieset mhux fattibbli minħabba li ma kienx

hemm biżżejjed wisà. Is-Sindku spjega li Infrastruttura Malta kienet issuġġeriet l-akkwist ta' porzjon mill-art tal-Park ta' San Klement biex jitkabbar l-ispazju meħtieġ. Din it-talba ġiet irrifjutata minħabba li l-art imsemmija għandha sinifikat ta' konservazzjoni u għandha valur konsiderevoli. Is-Sur Mark Grech qal illi l-membri preżenti kienu qed jaqblu ma' dawn il-proposti; sabiex il-kurvatura biswit Park San Klement tidħol 'il ġewwa, il-vetturi fid-direzzjoni minn Triq il-Kunsill tal-Ewropa lejn iż-żona tal-Biċċieni ikollhom fejn jistennew mingħajr ma jostakolaw il-vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni tal-grawnd u biex biswit Triq Bormla, minflok iż-żebgħa eżistenti, isir konkos. Is-Sur Mark Grech qal li mhux il-membri kollha kienu qed jaqblu mal-proposta dwar il-kurvatura li hemm fil-viċinanzi ta' Triq tal-Labour. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk it-tnaqqis kienx ser isir bit-tarmak jew konkos. Is-Sindku qal li t-tnaqqis ser isir livell tat-triq. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li Infrastruttura Malta diġa kienet ħarġet stqarrija li laqgħet u emendat il-pjanti fuq il-proposta tal-Kunsill u l-Kunsill irid jifhem il-bidliet li ser isiru sabiex jiġi spjegat dan liċ-ċittadini. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-ilmenti tar-residenti ġew eżawriti u żied jgħid li l-membri tal-Kunsill m'humiex esperti. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-esperti għamlu l-iżbalji u l-Kunsill qed jipprova jikkoreġi. Is-Sinjura Calleja uriet ix-xewqa li tara b'għajnejha jekk il-metru u nofs jew żewġ metri humiex biżżejjed. Is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sinjura Anna Calleja qalu li ma kienux qed jaqblu mal-proposti ta' Infrastruttura Malta. Is-Sindku talab li jittieħed vot dwar id-disinni proposti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u żewġ voti kontra li japprova d-disinni proposti minn Infrastruttura Malta.

586.2.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-587 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku